# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 19**

**Appell numru 43/2022/1**

***General Cleaners Co. Ltd* (C-14053)**

***v.***

**Dipartiment tal-Kuntratti;**
***Indis Malta Ltd*; u *Sultech & Co.***

1. Dan huwa appell ta' *General Cleaners Co. Ltd* ["*General Cleaners*"] minn deċiżjoni tad-19 ta' Jannar 2022 tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ["il-Bord ta' Reviżjoni"], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku [L.S. 601.03], li laqa' eċċezzjoni preliminari ta' nullità tal-oġġezzjoni tagħha kontra deċiżjoni ta' *Indis Malta Limited* ["l-awtorità kontraenti"] li twarrab offerta tagħha għal kuntratt pubbliku wara sejħa għal offerti.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: kienet saret sejħa mill-awtorità kontraenti għal offerti "*for the provision of general cleaning services at the Gozo*

*Innovation Hub, Xewkija*". Intefgħu offerti minn *General Cleaners* u minn *Sultech & Co.* ["*Sultech*"], fost oħrajn. B'ittra tat-18 ta' Ottubru 2021 *General Cleaners* ġiet mgħarrfa illi l-offerta tagħha twarrbet għax tqieset "*technically non compliant*" u illi kienet rakkomandata biex tintlaqa' l-offerta ta' *Sultech*.

3. B'ittra tad-29 ta' Ottubru 2021 *General Cleaners* ressqet oġġezzjoni kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni. Għal din l-oġġezzjoni *Sultech* wieġbet *inter alia* illi l-oġġezzjoni ma tiswiex għax id-depożitu li sar magħha kif irid ir-reg. 273 tal-L.S. 601.03 ma kienx daqskemm kellu jkun.

4. Ir-reg. 273 igħid hekk:

> »**273**. L-oġġezzjoni tkun valida biss jekk ikollha magħha depożitu ekwivalenti għal 0.50 fil-mija tal-valur stmat iffissat mill-awtorità kontraenti tal-offerta sħiħa jew jekk l-offerta hi maqsuma f'lottijiet skont il-valur stmat tal-offerta ffissat mill-awtorità kontraenti għal kull lott li jrid jiġi sottomess mill-offerent, dment li f'ebda każ ma għandu d-depożitu jkun inqas minn erba' mitt ewro (€400) jew iżjed minn ħamsin elf ewro (€50,000) li jista' jintradd lura kif il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jista' jiddeċiedi fid-deċiżjoni tiegħu.«

5. Fis-sejħa għal offerti l-awtorità kontraenti qalet hekk dwar il-valur minnha stmat tal-akkwist:

> »The Estimated Procurement Value for this Call for Tenders has been based on comprehenive research including appropriate financial analysis. In the context of this procurement, the Estimated Procurement Value, based on market research, is that of €109,806.00 excluding VAT."

6. Għalhekk meta ressqet l-oġġezzjoni tagħha *General Cleaners* għamlet depożitu ta' ħames mija u disgħa u erbgħin ewro u tliet ċenteżmi (€549.03)[1].

7. Dwar kif jinħadem il-valur stmat ta' akkwist ir-reg. 28(1) jgħid hekk:

> »**8**. (1) Il-kalkolu tal-valur stmat ta' akkwist għandu jkun ibbażat fuq l-ammont totali pagabbli, mingħajr il-*VAT*, kif stmat mill-awtorità kontraenti, inkluż kull forma ta' għażla u kull tiġdid tal-kuntratti kif stipulat b'mod espliċitu fid-dokumenti ta' akkwist.«

8. Is-sejħa għal offerti tgħid hekk:

> »1.2 … … … the time-limits for the execution of the contract shall be twelve (12) months with a possible extension of two (2) months from the commencement order … … …«

9. L-awtorità kontraenti iżda tgħid illi dan il-valur ġie stmat minnha daqslikieku l-kuntratt kellu jkun għal tnax-il xahar, u mhux għal erbatax-il xahar daqskemm ikun jekk isir it-tiġdid għal xahrejn oħra kif tgħid is-sejħa għal offerti. Il-valur għalhekk kellu jkun ta' mija u tmienja u għoxrin elf, mija u seba' ewro (€128,107)[2] u d-depożitu kellu jkun ta' sitt mija u erbgħin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€640.54)[3], differenza ta' wieħed u disgħin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€91.51)[4].

10. Kien għalhekk illi *Sultech* ressqet l-eċċezzjoni preliminari ta' nullità tal-oġġezzjoni ta' *General Cleaners.*

11. Il-Bord ta' Reviżjoni bid-deċiżjoni tad-19 ta' Jannar 2022 li minnha sar dan l-appell laqa' l-eċċezzjoni, warrab l-oġġezzjoni u ikkonferma d-deċiżjoni

---

[1] €109.806 × 0.5% = €549.03

[2] €109,806 ÷ 12 × 14 = €128,107

[3] €128,107 × 0.5% = €640.54

[4] €640.54 – 549.03 = €91.51

tal-awtorità kontraenti b'dan illi d-depożitu mħallas minn *General Cleaners* ma kellux jintraddilha. Il-bord fisser hekk ir-raġunijiet għal din id-deċiżjoni:

> »… … … this board opines that what the PPR [5] require is self-explanatory, *i.e.* the 0.50 per cent should be calculated on the estimated value set by the contracting authority of the whole tender. The whole tender, in this case, is to be taken as the 14 (fourteen) months, *i.e.* the initial twelve (12) months with the possible extension of two (2) months. This in order to conform to regulation 28(1) of the PPR.
>
> »Therefore, the contracting authority was wrong in stating that the deposit to be lodged should amount to €549.03, but should have amounted to €640.54.
>
> »The board now refers to PCRB case 1557 whereby it was stated"
>
>> »"The Contracting Authority did state in its letter informing bidders that if they wish to appeal a deposit of €400 was to be lodged. This board, however, has on numerous occasions advised that contracting authorities should refrain from making misleading statements but should strictly indicate what the law states; the appellant company should have always adhered with the provisions of the law, irrespective of such misleading statements."
>
> »The board opines that this case / preliminary plea is similar in nature and the same argument is to be observed.
>
> »Moreover, as stated in *Karta Converters Ltd v.* Dipartiment tal-Kuntratti, decided on 27th May 2015, it was stated:
>
>> »"Ma tistax illum is-soċjetà appellanti tissana dan l-iżball fatali tagħha għaliex kien jispetta lilha ii tottempra ruħha mad-dettami tas-sejħa bħala *a reasonably well informed and normally diligent tenderer*."
>
> »Therefore, this board upholds the preferred bidder's preliminary plea. However, it will again remark to the contracting authority that the rejection letters sent out to tender participants who would not have been awarded the tender ought to be drafted with much more care and diligence especially when stating facts and / or interpreting specific regulations of the law. The contracting authorities are to be seen as a 'tool' in order to achieve the objectives of public procurement process, two of which are the achievement of transparency in the whole procurement process and the achievement of a level playing field between all prospective bidders. Such misleading statements as were made in this case certainly do not aid in attaining these objectives.
>
> »The board, vaving evaluated all the above and based on the above considerations, concludes and decides:
>
> »a) upholds the preliminary plea as submitted by the preferred bidder;
>
> »b) directs that the objection lodged by the appellant as not valid;
>
> »c) upholds the contracting authority's decision in the recommendation for the award of the tender;

[5] *Public Procurement Regulations*

»id) directs that the deposit paid by appellant not to be reimbursed.«

12. *General Cleaners* ressqet appell minn din id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni b'rikors tat-8 ta' Frar 2022. Għal dan ir-rikors wieġbu d-Dipartiment tal-Kuntratti fit-18 ta' Frar 2022, l-awtorità kontraenti fis-7 ta' Marzu 2022 u *Sultech* fit-18 ta' Marzu 2022.

13. Qabel ma tqis il-meritu tal-appell il-qorti sejra tqis eċċezzjoni preliminari tad-Dipartiment tal-Kuntratti illi tgħid illi d-dipartiment ma kellux ikun parti f'dan l-appell.

14. Din l-eċċezzjoni hija tajba. Ir-reg. 285 tal-L.S. 601.03 igħid illi:

> »**285**. Ir-rikors tal-appell għandu jkun indirizzat kontra l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa, l-awtorità kontraenti, l-offerent rakkomandat, jekk ikun hemm, u kull parti oħra involuta fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi … … .«

15. Billi f'kull każ il-valur stmat tal-akkwist huwa anqas minn mija u disgħa u tletin elf ewro (€139,000) il-proċess tal-akkwist kellu jinħareġ, jiġi amministrat u determinat mill-awtorità kontraenti waħidha mingħajr il-ħtieġa li jiġi nvolut id-Direttur tal-Kuntratti[6]. Id-Dipartiment għalhekk la kien l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa, la kien l-awtorità kontraenti u lanqas ma kien parti fil-proċeduri quddiem il-bord.

16. Il-qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni u teħles lid-dipartiment mill-ħarsien tal-ġudizzju.

17. Ngħaddu għall-meritu tal-appell.

---

6 L.S. 601.03, reg. 9(1)(*a*)

18. Frankament din ta' *Sultech* hija eċċezzjoni li qatt ma messha tressqet minn litigant *in bona fide* u messha ntremiet 'il barra minnufih u sommarjament mill-Bord ta' Reviżjoni.

19. Id-depożitu biex issir oġġezzjoni jinħadem – kif inħadem u tħallas – fuq il-valur "kif stmat mill-awtorità kontraenti". Il-valur tal-akkwist kien stmat mill-awtorità kontraenti fid-dokument tas-sejħa, u kien stmat li hu mija u disat elef, tmien mija u sitt ewro (€109,806) u mhux mija u tmienja u għoxrin elf, mija u seba' ewro (€128,107). Il-partijiet għandhom dritt jagħmlu affidament fuq dak dikjarat mill-awtorità kontraenti, u ma għandhomx ikunu huma li jħallsu għall-iżbalji tal-awtorità. Il-qorti tifhem li parti interessata tipprova tieħu vantaġġ minn sitwazzjonijiet bħal din tallum – għalkemm ikollu jingħad li xejn ma jirrifletti sabiħ fuqha – iżda li l-awtorità kontraenti stess tkompli tinsisti fuq in-nullità tal-oġġezzjoni meta kien żball tagħha li wassal għal dan kollu huwa ċertament għemil ta' min iċanfarha għalih.

20. Meta mbagħad tqis illi l-episodju nħoloq minħabba ħlas nieqes ta' wieħed u disgħin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€91.51) id-deċiżjoni tal-bord tonqos mhux biss minn sens ta' proporzjonalità iżda wkoll mill-buon sens. Il-preċedenti msemmija fid-deċiżjoni tal-bord kienu fuq nuqqasijiet ferm aktar gravi u fatali għall-esiġenzi ta' proċess trasparenti u ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' dak li wassal għall-każ tallum.

21. Fid-dawl ta' dan kollu l-appell huwa aktar milli ġustifikat.

22. Il-qorti għalhekk, wara li teħles lid-Dipartiment tal-Kuntratti mill-ħarsien tal-ġudizzju, tilqa’ l-appell, tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta’ Reviżjoni, u tibgħat l-atti lura lill-bord sabiex iqis l-oġġezzjoni ta’ *General Cleaners* fil-meritu.

23. L-ispejjeż tad-Dipartiment tal-Kuntratti tħallashom *General Cleaners*; l-ispejjeż l-oħra tal-appell jitħallsu mill-awtorità kontraenti u minn *Sultech* f’ishma ndaqs bejniethom. U billi l-qorti hija tal-fehma illi l-kontestazzjoni ta’ dawn għall-appell kienet waħda fiergħa, wara li rat il-para. 10 tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-awtorità u lil *Sultech* iħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta’ elf ewro (€1,000) kull waħda.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr